MONS. FARRUGIA'S BEQUEST.

SAC. V. VELLA

Cappillan fl-Isptar ta Santu Spirtu

TA MALTA.

# IL BEATU ANDREA CONTI

## TAL MINURI CONVENTUALI

### DRAMMA SAGRU



PJ9698.3
.V45B5
P.B.204

MALTA

Stampat ghand Giov. Muscat,

48, Strada Mercanti — VALLETTA.

P.B.13.4

SAC. V. VELLA

Cappillan fl-Isptar ta Santu Spirtu
TA MALTA.

# IL BEATU ANDREA CONTI

## TA LEULINI ORDNI FRANCISCAN

IMSEJJAH

TAL MINURI CONVENTUALI

## DRAMMA SACRU F'GHERBA ATTI

TIFCHIRA TAC-CENTINARIU TIGHU

*1 Frar 1902.*



MALTA
Stampat ghand GIOV: MUSCAT,
48, Strada Mercanti — VALLETTA.

Lilech o mahbub pro Ziu

**P. Nudest Sapian, D. P.**

tal Minuri Frangiscani imsejhin Cunventuali

Li il persuna helua u kaddisa tighec

Ghada f'ghajnejja

Ghalchem ilech bosta snin

Tithenna fis sema

B'xieda ta imhabba leich

U lein l'Ordni imkaddes tighec

Li geuua kalbi ghandu l' akua post

U ghalieh pront biex inciarciar demmi

Dan ic-ccheichen ctieb

Nati

R. I. P.

## DAHLA

## Il Beatu Andrea Conti fil hajja u egiubiet.

---

### SUNETT.

Nisel ghani (1) flisbah fiur ta zghozitech
Hallejt id-dinja u inħbejt fil Conventi (2)
Ghammart fil gherin imnein xandart kdusitec (3)
Cont titbiccer bil flagelli u bissaum frequenti (4).

Il-lbies ta Cardinali u l'ghana ħallejt (5)
Bil gherf tas-Sema stghaneit
Cotba ta tifħir lil Vergni Maria sauuart (6)
U tiur mejjta fl'aria tajjart (7).

Huta f'serp tal bizgha ibiddel (8).
F'lakkal tax-xitua is-siġar il frott jghatu (9)
In-nghar issfi, lis-Sultan fil hena ibiddel (10)

Bil kauua tighu l'ghadu ibazza
Mil bniedem ghal dejjem iħarrab
U ighacches bl'aħħrax din ir-razza (11).

TIFSIR

(1) Tuelid f'Anagni, min famiglia lactar ghania tal Conti ta Segni fis-sena 1240.

(2) Ghammar fil Conventi tal Conventuali ta S. Frangisc ta Anagni u ta S. Laurenz fil Pigliu.

(3) Chin igheix geuua l'ghorien; ghada tinsab fil Pigliu il grotta tighu.

(4) Uara 420 sabu bcejjec tac-ciliziu imuahhlin f'ghadmu.

(5) Il Papa Bonifaciu VIII Niputi tighu fis-sena 1295, ried jghamlu Cardinal.

(6) Chiteb trattat sabieh *De Partu Virginis.*

(7) Bis-sinial tas-salib ikaijem it-tair misiur, li gibulu biex jecol.

(8) Il Papa bghatlu il hut rigal, is-serv haba uahda biex iehoda, mita mar isiba saret serp.

(9) Fix-xahar ta Jannar, is-sigiar tghau il frott u bghatu rigal lil Papa.

(10) B'talba heles mil Purgatoriu ir-ruh ta Carlu I Re ta Skallia.

(11) Chien ichecci id-demonii mil invasati.

# PERSONAGGI

1. Il B. Andrea Conti, iben ta
2. S. E. Stifnu Conti ta Segni.
3. Benard, camrir antic tal Conti.
4. Mr. Giuseppi Conti, cugin tal Beatu, Prelat fil Palazz tal Papa.
5. Vitalianu ta 12 il sena } Ulied Clement procuratur tal
6. Brunu ta 10 snin } Conti f'Segni
7. P. Tonin Guardian tal Cunvent, u Confessur tal Beatu.
8. Fra Frangisc, l'Ajc.

Paggi u famigliari.

Daun il ħueijeg isiru fil palaz tal Conti Anagni, u fil Cunvent tal Pigliu (Provincia ta Ruma)

Ir-Religiusi u il Beatu huma Frangiscani min daucħ li jilbsu l'issued.

Iz-zmien tighou is-seculu XIII.

---

Din id-dramma hia mehuda mid-dramma taliana tas-Sur Eleonoru Gizzi.

# LEUUEL ATT.

## L'EUUEL XENA

*Sala imżeina seuua, bil gallaria. Fin-naħa tax-xellug ta dauc li icunu iħarsu, quadru cbir, ritratt ta omm il Beatu. Siggijet, immueijed tal cauba, u ħueijeg oħra.*

BERNARD *liebes ta dac iżmien.*

*Bernard* Eħ! pacienza cbira trid fid-dinja! Collox għal xein Bernard...... xiaħt...... imma...... trid u ma tridc......emm bzonn taħdem. Ua ħei għaun deijem ricevimenti; billeil u binhar seijer deijem. Issa geijn cavalieri, issa għorrief, issa nies ta l'armi, issa cardinali. Bir-ragiun, si capisce......din famiglia nobili. *(jekaf ftit mixxghol.)*

Mita nokgħod naħseb, donni noħlom, u frattant è così: ili erbgħein sena imdaħħal maħħom, Dio mio, chif jgħaddi iż-żmien! u għal grazzia t' Alla nista ngħeid li deijem cont content.

Din il famiglia collha nies kaddisin !...... Eccu ir-ritratt tal maħbuba Sinjura tigħi, Alla jatia il ġenna ! Mita nara dan ir-ritratt jatini il bichi ! X'ingħeid imbgħad min dac l'anġlu tal kdusia li hua P. Indrì ? X'kalb nobbli ! Min mita nakas min aun geu, donnu spida collox. *(jarġa jibda iaħdem)* Ried imur jingħalak emm f'dac il convent......ħalla l'għana u is-sinjuria ......kal, addiu għal cullħatt u għal collox. *(irrocca ma siggiu u jakilbu)* Santa pacienza ! issa, issa. *(ierfgħu)*

## IT-TIENI XENA.

STIFNU *u lis-stess.*

*Stifnu* Bernard, x'inti tghamel ?

*Bernard* Sur Conti, l'obbligu tighi. Collox seuua, esatt... collox f'postu.

*Stifnu* Già, is-solitu tighac. Taijeb collox seuua, tithabatċ iżied, jahasra !

*Bernard* Triċ nghamillec xi haġa ohra Sur Conti ?

*Stifnu* Xejn ghal issa. *(Bernad jakbad seijer)* Isma isma bil hak, Bernard.

*Bernard* Comandi, Sinjur.

*Stifnu* Nixtiek uisk li nara dauc iż żeuġ tit-tfal tal procuratur tighi ta Segni, Vitaliano u Bruno, mur gibomli malair, ghaliex mita icunu aun jatuni piacir, jadduli iż-żmien u in-nervi collha.

*Bernard* Daluakd inservic Sinjur. Nafu taijeb lis-Sur Chelment, niftacar taijeb......

## IT-TIELET XENA

STIFNU.

*Stifnu* X'gemma ta serv hua dan Bernard ! Cliemu uara il meut tal mahbuba marti jinżel f'kalbi bhala balzmu. Nokoghdu ftit bilkieda. Di già ghaddeu tliet-tijem, u ghadni......eccu ghada aun littra. *(jarfahha min fuk il meida)* ghadni ma irrispondeic lil mahbub Chelment, il procuratur tighi ta Segni. Din il belt min deijem chienet cbira, nobbli u sabiha; in-nies tahha huma collha ta kalb tajba !

Jena min razzti deijem ghandi x'naksam mah-

ħom, chem ucoll bil hbieria, ghalec naf seuua x'nies huma. Niftacar deijem f'dac iż-żmien li cont immur emm flimchien mal maħbub tighi Andrea. Dan chien jibka scantat fuk dic is-sabiħa veduta, sgur li ħatt ma ighaddi lil din il maħbuba tighi Anagni, già belt principali ta Ernici.

## IR RABA XENA.

VITALIANU BRUNU *u lis-stess.*

*Vit:* u *Bru:* Ghaun aħna Eccellenza.

*Stifnu* Eijeu maħbubin uliedi, ghokodu feini, ghaun irritcom. *(jokodu bilkieda)* Tgharfuħ dan il carattru ? *(jurihom l'ittra)*

*Vit:* u *Bru:* Tal papà, tal papà !

*Vitalianu* X'aħbarijet ghanna, Sur Conti ?

*Stifnu* Aħbarijet taiba. Jixtiek jaf chif intom u jistennicom mill'actar fiis.

*Brunu* Iva immorru ma indumux, iżda kabel irridu narau il Patri Indrì.

*Vitalianu* Sigur, imħabba ħeħ geina. Ghaliex il papà kalilna ħueijeġ cbar fuku: kalilna li hu sabieħ donnu anġlu, gharef, u pingiuulna tuil u sabiħ, insomma bħala bniedem li ma ionksu xein u li issa jinsab......

*Stifnu* Mghaluk f'Cunvent.

*Brunu* *(ikum)* Iva, imma jena irrid naraħ, irrid naraħ u imbusu, u imbusu ħafna ħafna.

*Stifnu* Tarauħ: jena nghamel chem niflaħ biex niccontentacom. Iżda cunu afu, li hua culma ghamel ghamlu biex jinħeba min ghainein in-nies, ftit u xein iħob jider.

## IL HAMES XENA.

BERNARD *u l'oħrain collha.*

*(Tinstama iċ-ċenċell il kampiena tal bieb)*

*Bernard* Eccellenza, uaslet u uakfet uara il bieb carrozza sabieħa, geja min Rnma, jec ma niżbaliaħ min dauc li jigiu ħiħom il cbarat tal Korti tal Papa ......hua veru giè Monsignur D. Giusepp.

*Sitfnu* *(ikumu il coll)* Chif jista icun? il cugin tighi ? *(Bernard jarġa imur iħares)*

*Bernard* Iva, iva, hu, hua tasseu!

*Il coll* Immorru nilkouħ. Aħ, x'ferħ. *(il coll jinżlu jilcouħ)*

*Bernard* Jen ma nafx x'nibda nghamel *(jibda idur massala)* ma nafx tasseu x'nibda nakbad nghamel! Santa Pacienza!

## IS-SITT XENA.

*Mons.* GIUSEPP *bis-seguitu tal paggi, li igibu ir-rigali, u l'oħrain.*

*Stifnu* Ben venuto, cugin maħbub ta kalbi,—ah x'piacir kied tatini! *(Jintanku flimchien u jitbeusu. L'oħrain iselmulu)*

*Giusepp* Nirringrazzia lil cullhatt. Nieħu gost *(idauuar uiċċu lein il Conti)* narac kauui u sħiħ. Jena geit ingiblec aħbarijet taiba: il famiglia tal Conti Segni ma iddumx ma tcun onorata b'lakua gloria li tista tinghata fid-dinja. Intant o maħbub cugin tighi, ilka dina id-decorazioni illi il Papa Bonifaciu VIII ghoġbu jibghatlec. *(jatiħ*

*hannika sabieha tad-deheb, u Stifnu malair jilbisa.)*

*Bernard* (*jersak hdein Mons.*) Ippermetti, Monsignur, li antic serv fidil tiac...... (*ibuslu ideih*)

*Giusepp* Oh niftacar fic seuua! Inti it-tuaijeb Bernard. Tasseu li iż-żmien ghalic ma hua xein: deijem f'sahtec, deijem fuk ruhec, donnoc ghadec żażuh

*Bernard* Tasseu ghal grazzia t'Alla, ma nistax nicħad; imma bdeit inhoss gmielu it-tokol taż-żmien fuk spalleija......

*Giusepp* U daun is-sinjuri giovinotti min huma?

*Stifnu* Huma żeuġ tfal tal procuratur tighi ta Segni. Jixtieku jarau il P. Andrè: geu ghandi, u jena żammeitom bil kalb. — Isa Vitalianu u Brunu busu l'idein ta Monsignur.

*Vit.* u *Bru.* I nostri dovuti rispetti, Eccellenza Reverendissima. (*ibusulu ideih*)

*Giusepp* Bravi uliedi, b'sinjal ta imhabbti naticom il benedizioni tighi. Nakra fuk uiċċcom iż-żbuhia tas-semplicità tghacom, u tidru tasseu li intom min Segni.

*Stifnu* Issa il palazz collu hua fa disposizioni tiac, o mahbub cugin, u tas-seguitu tiac ucoll. Imxu immorru. Nghaddi kuddiem, ippermettuli.

## IS-SEBGHA XENA.

BERNARD—VITALIANU U BRUNU.

*Bernard* Cul darba li haun jigi Mons: Giuseppi igib mighu cul.xorta ta rigali, u x'rigali! L'ahhar li gie, gieb certu hut ohxon, piacir tarah, ighax-

kec. U chem chien tajjeb! U bosta huejjeġ ohra Biżżejjed. Uliedi joghgiobcom tgheinuni nakra?

*Vitalian* Bil kalb collha, arana mighech.

*Vita:u Bru.* Isa imxi!

*Bernard.* Chem huma bravi daun it-tfal! Inti, Brunu, arfa il huejjeġ l'actar ħfief; ghaliex inti ghadech żeghir. Bil mod! Bil mod! tithabtux uisk, pianino, pianino......li ma tieħdux xi riħ. Jecc icun jaf il Conti Stifnu, jatini ħasla u ghandu ragiun. Haun tant min jaħdem, servi, nies tad-dar! Izda it-tfal iħobbu uisk jaħdmu mita ighamlu dac li jakblilhom. Kalbi tgheidli li haun rigali cbar — Molto bene tajjeb uisk! bravi *(iħares lein daun it tfal)* Eccu bghakalna din il valiggia *(jipprova iciaklaka)* Is-Sagristia chem hi tkila!

*Vital:* Nipprovau nerfouha it-tlieta u sigur li jirnexxilna inuassluha.

*Bernard* Benissimo! *(Jakbdu sejrin jerfghuha)* Ghalina! mela ma ticciaklakx? ueħ'et ma l'art! X'fiha gio fiha? Armau curaġġ, uieħed, tnein tlieta. *(jerfghuha)* F'laħhar gibniha! sejrin seuua! *(Fil uakt li imxeu iuakkghu il valiggia f'nofs is-sala. Bernard jaka fuka, Vitalianu u Brunu, iħallu ix-xena jidħcu jerġghu jigiu malair,* Santa pacienza! Santa pacienza!

*Vitalian* Isa nerġghu nerfghuha: ma hix ħtia tghana.

*Bernard* Tasseu, imma intom ħallejtuni, u min fuk tħaktu bija. Isa nerġghu nerfghuha *(jerfghuha u ikeghduha f'posta)* Nizzu ħajr l'Alla! Issa imxu mighi, ħalli naticom xi ħaġa tax-xoghol li ghamiltuli.

*Vital u Br.* Bravu, bravu Bernard taghna!

# IT-TMIEN XENA.

MONS: GIUSEPPE, STIFNU, P. TONIN u FRA FRANGISC:

*Gius*: Nixtiek chiecu li Vostra Reverenza *(iħares-lein P. Tonin)* tgheidli xi ħaġa fuk il ħajja li kighed ighaddi P. Indrì, sabiex jena incun nista nghida lil Papa Bonifaciu VIII. U imbghad nixtiek, u nixtiek uisk nara lil dan il maħbub Cugin tighi.

*P. Tonin* *(igheid lil Aich)* Isa malair fittex mur gib lil P. Indrì, il maħbub u il gloria tal Convent tghana, gheidlu li is Superiur iridu.

*F. Fran*: Daluakt tcun servut. Ghadni chif rajtu gharrcupteiħ kuddiem il Crucifis, jitnighed il hena tas-Sema. *(imur)*

*P. Tonin* *(Cul ħatt bilkieghda)* Sigur li katt ma cont nispiccia, chiecu cont ngheid l'ghegiubijet collha tal ħajja taz-ziu tal Papa; nghid biss li sa min zghozitu daħal fl'Ordni Seraficu tghana, u fieħ dejjem chien mudell ta prudenza u kdusia. Dich l'imħabba tighu ghas-solitudini, dich l'orazioni continua tighu, juru bic-ciar li P. Indrì ma ux maħluk ghal ghana tad-dinja, izda ghal ghana tas-sema. Imbghad hua ifittex dejjem biex ighamel ix-xoghol l'actar bax u vili, u min dan jituarrab biss meta jisma il vuci ta l'obbedienza.

*Gius*: Jena nistaghgeb ghal dan il cliem, nista nghid li lis Spiritu tas-Seraficu t'Assisi tasseu li insab f'dan P. Indri tghana. Ghaliex ma ifittixx ħlief li jitghallem il virtù tighu.

*P. Tonin* Eccu arauħ gej.

*Gius:* Alla tighi, x'kighed nara liema sura maestusa u fli stess ħin x'umiltà? ah chem tas-seu tixraklu il porpora cardinalizia!

## ID-DISGHA XENA

P. Indri, Fra Frangisc *ma l'oħrain*

*Jasal P. Indrì ideiħ fuk sidru u culħatt ikum)*

*P. Indrì* Icun imbierech l'isem imkaddes t'Alla!

*Culħatt* Ghal dejjem.

*P. Indrì* Gejt imsejaħ mill' obbidienza ghalecc arani kuddiemech o missier maħbub tighi!

*Stifnu* Ibni kalbi! *(ighanku lil xulxin)*

*P. Indrì* Chelli ghal darba oħra nirfess din l'art li jena ghal cọllox abbandunajt!

*Gius:* Ghal din il beusa nersak ucoll jen, jena ucol imissni dan nghamlu bħala cugin tighec *(ighanku)* Ara daun id-decorazionijet huma ghalic *(joħroġ collana sabiħa)* u dan is-Salib ucoll bghatomloc iz-ziu il Papa, b'sinjal ta l'imħabba li ghandu leich,

*P. Indrì* Bil kalb collha, o Cugin maħbub tighi, jena naccetta din ix-xbiha ta Sidi Gesù, u nistringiha ma kalbi, *(jiħu is-salib ibusu, ikeghdu ma kalbu, u idendlu fil curuna)* izda daun iddecorazionijet l'oħra ma humiex ghaliha, jena ma inix ħlief trab u irmied, ma jistħokkuli bl'ebda dritt, jena l'ghar bniedem li haun fiddinja. Nizziħajr mil kieħ ta kalbi lil Papa, u nitolbu il Barca papali tighu sabiex biha icolli forza fil guerer ta din l'art.

*Gius:* *(iħares lein il Conti)* Xi ħsibijet sublimi! Cliemu ghaggibni.

*P. Indrì* O missier tighi maħbub. Alla biss hua xida ta l'imħabba u ir-rispett li gibtlec u nibka ingiblech. Oh! chiecu cont tista tara x'ghandi geuua kalbi. X'ferħ chien icolli, chiecu cont nista nghid mas-Seraficu Missieri: Alla tighi u tighi collox! U issa nitlob lilec o Cugin maħbub tighi: Li tgheid il Papa; ziuc Indrì, mixħut ghar-rcuptejħ kuddiem it-tron imkaddes tighec, itlob l'Alla jatic id-daul u is-saħħa biex tmexxi id-dghaisa ta Pietru, ghaliex barra minnha ħatt ma jista isalva. *(houn jinstama id-dak tal kampiena tal Convent)* Il vuci ta l'ubbidienza keghda is-sejaħli. Addiu papa ta kalbi, addiu cugin maħbub tighi. Fit-talb taghcom ftacru dejjem fl'imsejchen Indrì taghcom *(imur flimchien ma l'Aich.*

*Gius:* *(mistghageb)* O ruħ kaddisa, Addio!

*Stiefnu* Addiu ruħi ibni!

*Gius:* Sur Conti, jena digià gharaft collox. Malli nasal Ruma, ngheid dac collu li rajt u smajt lil Papa.

*P. Tonin* Chem hua ħagia zgheira dac li inti rajt, min dac li Alla ghoġbu jghamel fil persuna ta P. Indrì, iben maħbub tal Conti Stefanu.

*Gius:* Inti Sur Patri jecc joghġboc fittex urieħ il ħsieb tal Papa li ghandu ghaliħ, u is-Şinjur Conti ma jonkos bħala missier u li ma jghalux jobdi lil Papa Cugin tighu.

*P. Tonin* Jena naghmel chem nista, biex nakta ix-xeuka ta culħatt; izda P. Indrì ħsiebu xejn ma hua fl'unuri u id-dignitajet tad-dinjia, ħsibu biss fil gloria tal Genna.

# IT-TIENI ATT

(*Xenariu bħal ta l'euuel att)*

## L'EUUEL XENA

(STIEFNU *bil kieghda, jispiccia il chitba.)*

*Stifnu* F'ħajja t'Alla fl'aħhar ħlist ucoll din il biccia; u ecc Clement icun cuntent, u actar icnnu cuntenti u jifirħu uliedu, ghaliex jixtieku uisk li jokoghdu xi ftit iħor mighi, u ecc jerġghu jarau il P. Indrì.

## IT-TIENI XENA

(BENNARD *u li stess*)

*Bennard* Buon giornu Sur Conti jena dejjem ai tuoi comandi.

*Stifnu* Buon giornu lilech ucoll. Brunu u Vitalianu fein huma? Bħal dan il ħin, dejjem solitu icunu ma duari. Mur f'camritom, u ara x'inkala ghaliex il:um id-dauru.

*Bennard* (*igheid bejnu u bein ruħu*) Uħelt jen... narau chif sejjer neħlisa?... Sur Conti... jaħtiġ... collox irid jaf...Aħjar mi'l euuel ngheidlu li storia chif inhia.

*Stifnu* (*ikum*)Ma x'giara?

*Bennard* Xejn collox seuua (*il Conti jargia imur jokghod*) Nghidlu il ħagia chif inhia, Dauc l'imbirchhin ta tfal ilom jissiccauni biex jarau il P. Indrì, jena inħobbom daks uliedi, xtakt naktaghlom xeuxeukitom, imma trid ħafna permessi. Jena kghatt naħseb bejni u bejn ruħi, u ghed: P.

Indrì ikaddes fil ghodu cmieni, ghalech komt malair mid fuk is-sodda, ilbist bħal miġnun, mort fil camra tat-tfal u Vitalian u Brunu... Brunu u Vitalianu ghazzinin ghadcom riekdin Kumu isa immorru ghand P. Indrì kighed jistennicom. Issa aħseb int Eccellenza, malli semghuni insemmi il P. Indrì chif taru missodda, libsu malair fein darii u bdeu ighaitu feinu?! feinu?! Imxu il Convent kighed jistenniecom. It-triek belougha, chem ili ngheidlech uasalna, malli beda ibexbex conna digià emm. Il Patrijet chienu icantau; chem icantau ħelu! Jena imbghad tlaktom f'idejn Fra Francisc u dauuart uicci l'haun biex xħin tkum Int incun mighech, u hecc imseichnin ktaitilom xeukitom. Chem huma bravi dauc it-tfal! Issa Eccellenza jecc ghamilt ħazin aħfirli.

*Stifnu* Tajjeb, tajjeb, ma nistax ma imfaħħarx l'ghakal tighech, ħsibta seuua.

Oh is-serv fidil tighi Bernard (*ikum itap-taplu fuk spaltu*) chem ghandu ghakal. Issa irrid, li dauc ir-rigali collha li gibli il cugin Mr. Giuseppi, toħodom lil P. Guardian, u ikassamhom chif irid u jghoġbu.

*Bernard* Tajjeb uisk. Ma tafx imma x'rigal tgha lili, x'manca chem hia sabiħa klajt jena min ghand Mr. Giusepp. Isma jena xejn ma naħbilech: hares ara chem huma zbieħ (*jurihomlu*) tant flus tad-deheb (*jakghulu min ideiħ*) Santa pacienza! Ara x'jiġru dan baka jonkos issa li nitlifhom.

*Stifnu* Nifraħlech, tasseu li timmeritahom!

*Bernard* Sejjer nghamel dac li iccmandajtni. (*beinu u bein ruħu*) S. Maria katt irpos ma haun gio din id-dar. Din id-darba ma insejjaħx lil Brunu u il Vitalianu biex igheinuni, ghalix chiecu addiu rigali!

## IT-TIELET XENA

STIEFNU *u* FRA FRANGISC.

*Fra Fran.* Sur Conti i miei assequi! Is-superiur tighi, baghatni biex inuassal lil daun iz-zeuġ gioventur, haun f'darech.

*Stifnu* Fein huma?

*Fra Fran.* Arahom gejin. Fit-taraġ intakghu ma Bernard kaghdu jifirħu biħ.

*Stifnu* Sigur, Bernard iħobbom ħafna u huma ucoll.

*Fra Fran.* Nitolboc li ma tiħux fastidiu. Sejjer natic daun l'oggetti li il Cugin Mr. Giuseppi ħalla ghal P. Indrì. (*jicconsinjalu caxxetta.*)

*Stifnu* (*beinu u bein ruħu*) U ankas daun ma irid izom! inzommom jen bir-rekka collha.

*Fra Fran.* I miei rispetti, Eccellenza.

*Stifnu* A rivederci Fra.

## IR-RABA XENA.

STIFNU VITALIANU *u* BRUNU.

*Vitalianu* Bon giornu Sur Conti, bon giornu, F'laħħar rajniħ il P. Indrì.

*Brunu* Chem fraħna, chem fraħna x'hin rajniħ!

*Vit. u Bru.* Issa chem aħna cuntenti!

*Vitalianu* Li ma chienx Bernard ma conniex narauħ ecc malair!

*Stifnu* Tajjeb, tajjeb, okoghdu quieti u ghiduli xi ħaġa. (*jokghod bil keghda*)

*Brunu* Ah chem hua sabieħ, u chem kalilna ħuejjeġ sbiħ

*Vitalian* Jena xtakt nibka imbuslu idejħ, u hua dejjem idejħ fuk rasi, u donni ghadni nisimghu ichellimni.

*Brunu* Lili ucol kighed idu fuk rasi, u kalli: Bravo figlio!

*Vitalian* Eeccu ara Sur Conti, chem ħuejjeġ zbieħ tani (*joħroġ mil buiet cotba zghar, curuni, santi.*)

*Brunu* Lili ucol tani, lili ucoll tani! (*jgħamel bħal l'iħor*)

*Vitalian* Daun huma cotba tad-devozioni, u kalli li ghandi nakrahom culljum, din curuna tal Madonna, u dan Crucifiss.

*Brunu* (*jaghmel ta bir-ruħu jibchi u jituarrab*) Jena ma nistax nitchellem bieħ, dejjem irid jitħaddet hua!

*Vitalian* U l'istess tghamel int, mita nitchellem jen.

*Stifnu* Uliedi okoghdu quieti, complu gheiduli xi hagia min dac li rajtu u smajtu, jena nieħu gost nismaghcom.

*Brunu* Tani daun is-santi tal Madonna u ta S. Frangisc. Ara sur Conti chem huma zbieħ! (*jurihomlu*) kalli li il Madonna hia Ommna, ghalech ghanna nitolbuha tikaf maghna.

*Vitalian* Mita P. Indrì chien jitħaddet fuk il Madonna uiccu chien isir bħal xrara nar, u minnu ħargiu donnom ir-raggi.

*Brunu* Kalilna biex incunu obbidienti u rispettusi lein culħatt. Oh chem hua sabieħ P. Indrì! nixtiek nargia naraħ.

*Vitalian* Iva jena ucoll irrid nargia narah. Turiulna darba oħra sur Conti? Inti tħobbna tant!

*Stiefnu* Iva tahsbu xein, uliedi ghezis. Keghdin tarau din l'ttra? (*jurihilom*) din hia ghal papà taghcom, tlabtu biex iħallicom coċċ iħor mighi. Issa jecc tridu tictbulu xi ħagia fiha intom stess, actar jeħu piacir.

*Vit. u Bru.* Grazie mille, Sur Conti.

*Vitalian* Mita incunu mighech, kiesna mal papà.

*Stifnu* Tajjeb, issa morru ictbu, u okoghdu quieti. Iddumux

## IL HAMES XENA.

VITALIANU *u* BRUNU

*Vital.* Issa li aħna uħudna, irrid ngheidlec xi ħaġa. Il Conti iħobbna tant, u inti tghamel ecc, dejaktu?

*Brunu* Min jen? (*jaghmel xi massa*).

*Vital.* Inti dejjem ghandec ragiun! Tajjeb x'sejrin nictbu f'din littra lil Papa?

(*Jeħu l'ittra u jokot bil kieda*).

*Brunu* Aħseb ftit.

*Vital.* (*jakbat il pinna biex jicteb*) Neidulu li aħna taibin (*icteb*) li aħna cuntenti uisk... li rainih il P. Indri.

*Brunu* Tajjeb uisk, gheidlu ucol, li P. Indri hua seu seu chif kalilna hua, sabieħ, kaddis ecc. u li tghana ħafna rigali, li nibghatu ħafna beus lil mamà; gheidlu ucol... (*Dan il cliem igħeidu bil ghaġla*).

*Vital.* Bil mod! stenna! dauuartli rasi!

*Brunu.* Ftacar ucol, isselli ghalih a nom ta Benard, u gheidlu li dan...

*Vital.* Tajjeb uisk. Collox lest, biz-zejjet. (*Jghalak l'ittra*).

*Brunu.* Chif gherfixt collox malair! Ctibt collox? ma inseitc xi haġa?

*Vital.* Chollox ctibt. Imxi immorru natuha lis-Sur Conti.

## IS-SITT XENA.

BERNARD

*Bennard* Jena ghamilt ueghda, u sigur li ma nichsiriex. Daun it-tuajbin religiusi cull nhar ta tlieta l'euuel uahda tax-xahar jghamlu funzioni lil Sant' Antnin, il kaddis tal miraculi, jena immur sigur, ma irric nonkos, ghaliex dejjem sibtu f'collox. Tasseu li hua vuru protettur tighi!

## IS-SEBGHA XENA.

STIFNU u BERNARD.

*Stifnu* Isma Bernard: (*dan taparsi indekex*) inti taf tajjeb, chemm jena naf nistma il pariri tighech u chemm ilec mighi tista tghid li jena dejjem katt ghal pariri tighech. Immela gheidli chif thossa: Tgheid ibni P. Indri, irid jitla f'xi dignità tal Cnisia?

*Bernard.* Issa kighed nakbad! Ah! ma tarax li dan zmien mitluf! P. Indri hua anglu taht xbigha ta bniedem. Tithaddet mighu fuk id-dignitajet tal Cnisia, hua li ma ihobx hlief il hajja f'kira u mohbia, dan collu ngheidlu jena tghażak fl'ilma.

Imbghad jec irid, leuuel ma niecol jen, sigur! Iconna Cardinal! figuriamoci f'festi! x'rigali!

*Stifnu.* Frattant inti tid-dubita. Issa narau. Kis li ma tgheid xi chelma lil xi ħatt, collox bis-schiet: kis li ma toħroglocx xi chelma.

*Bernard.* Sgur, inti xi ħsibtni Siniur? Sta pazienza!

*Stifnu.* Jena taf chif nghamel, ingheid il Guardian (*imur*) iħajru u imurlu bil mod, dan jaf tajjeb imur ma dic ir-ruħ kaddisa ta ibni. Ah! chiecu tirnexxi chemm incun cuntent!

## IT-TMIEN XENA.

P. Tonin u Stiefnu.

*P. Tonin* Id-dispiacini, Eccellenza, jen ħallejtec tistenna, imma ma ux per mia colpa, izda ghaliex kbat taħdita cbira ma P. Indri, u urejtu il ħsieb li il Papa ghandu fuku: imma collox ghalxejn, chem hua difficili, li uiħed ighauueġ siġra xieħa, daksech hua difficili, li uieħed ineħħi minn moħħ P. Indri dan il ħsieb tal firda min collox. Jena inkas nista nghamel actar milli ghamilt, ghaliex jena Direttur spirituali tighu, u bħala tali, naf bizzejjed x'ruħ kaddisa hua. Niftacar ucoll li mita darba a pieni vati, chien mghazul Superiur tghana, ma accettax. Ghalec jixrak nirrispettau il volontà tighu; u mita sama minni li missieru iridu jeħu unuri; u dignità, beda jolfok u jibchi u ried jigi mighi, biex tisma min fommu stess il fehma kauuija tighu.

(*Mil bghod instama id-dakk tal ormonium, u P. Indri icanta fuk it-ton V.*)

"Benedicam Domino in omni tempore: semper laus ejus in ore meo. Multæ tribulationes justorum: et de omnibus his liberabit eos Dominus."

*Stifnu* — Din il vuci ta P. Indri li kighed jitlob fil Cappella privata.

## ID-DISGHA XENA.

(P. Indri *bil Crucifiss imdendel fil curdun u l'ohrain.*)

*P. Indri* — Hallini o missier maħbub tighi, li b'sinial ta imħabba li ghandi leic, imbuslec ideich. U chif katt sata icun, o missier, li id-daħħal f'moħħoc, ħsibiet ta fruha fuki? Jena iben tal cbir fkajjar t'Assisi, li ghaliħ il fakar chien ghana, jena imbiddel dan il ħsieb li ilu tant zmien fuki? O missier ta kalbi, jena bil ħniena nitolboc; li ma tueggalix kalbi izied bil ħsibijet ta unuri u dignità; ħuejjeġ li katt ma ħlomtom. Eccu (*urieħ il Crucifiss*) dan biss hua is-sinial tal gloria tighi, dan il Crucifiss stess li bghatli il Papa. Deh! O cbir Alla, neħħi mil moħħ ta missieri cull ħsieb ta unuri u dignità li ghandu fuki missieri. Dan biss nixtiek, u dan nitolboc.

*Ttifnu* — Xein ma trit, u xein ma tfittex? Hares lejha, u ara x'ghandi fuk sidri (*jurih id-decorazionijet*) Inti uaħdec ma tric tcabbar fl'unuri ir-razza tghana?

*P. Indri* — Xi clim hua dana li kigħed nisma. Daun huma ħuejjec ġodda ghalija.

*Stifnu* — Jena dejjem ħalleitec tgħamel li trid, dejjem irrispettait il volontà tighech, izda din id-darba

jahtiglec tghokot ghal dac li irid in-neputi tighech il Papa, u ghal dac li irid missierec.

*P. Indri* (*igheid f'kalbu*) O Alla tal ħniena misslu kalbu biddillu fehemtu!

*Stifnu* Listoria sublimi ta l'antenati tgħana, din lisstes belt li fiha tuelid, keghdin jistenneuc tghid iva. sabiex iħejjulec festi lactar cbar. U jena dan irridu, u dan nixtieku!

*P. Indri* (*Maħrug barra minnu in-nifsu*) Ma liema gloria nista inzid jena lil famiglia? liema gloria? Etern Alla, inti li min gebla samma ħriġt ilma safi u bil cotra, inti tgharaf il klub ta cullħatt, biddel il kalb ta missieri, u aħfirlu. (*iħares lein ir-ritratt t'ommu*) O ħelua, o maħbuba mamà, isa fittex ghein lil maħbub ibnec Andrea, ara fliema duejjak insab!... keghda titħaccli... (*igheid benfasi*) Vittoria! Vittoria!

*Stifnu* Ibni irbaħtli kalbi! (*jintafa fuku u ighanku*) ħalli tcun ghal dejjem il gloria tighac Gesù Crucifiss. Nibghad malair il currier ghar-Ruma Addio? (*iħares lein il Guardian.*) Naħseb li jasal seuua.

*P. Tonin* Ghiddlu ma jitlifx zmien.

*P. Indri* Nizzich hair missier, il barca t'Alla tixtered fukec.

# IT-TIELET ATT.

*Ix-xena tippresenta muntania, innahha tal-lemin ta min ihares Cunvent cheichen b'camra praticabili, uraiha rampa li tinzel sal fond; In-nohha tax-xellug grotta fein il bieb tahha salib cbir. F'nofs ix-xena bosch li ihalli passag li iuassal sal grotta.*

## LEUUEL XENA.

P. INDRI *fnofs il bosch.*

*P. Indri* Nizzich hajr o Sinjur li flahhar smait talbi, usalt fl'art imueghda, li tant chien ili nixtieka, usalt f'dan l'ahrax. Is-schiet u il ġabra dejjem chien l'ghaxka tighi. O muntanji li tinsabu maduari, intom o siġar xiuh, mighei fahhru l'Alla! o desert mahbub tighi, inti ghal kalbi actar mil palazz tas-Slaten; u din it-tama li ghandi fuki actar hia ghalia sabiha mil porpora tar-Re! Haun ninsab mohbi mil ghainein tal bnedmin, ruhi actar tista tistghana bil favuri tas-sema, u ahiar tisma il vuci t'Alla. Issa ma ghandi bzonn xein, jena heni; o pajjis x'cheichen birech u izzihair l'Alla! *(ihares lein il Piglu).*

## IT-TIENI XENA.

P. TONIN *u listess.*

*P Indri* O mahbub Superiur tighi, chemm ghandi motiv nirringraziac! Inti ftahtli il Genna billi halleitni nigi f'daun innahhiet, din hia il bejta tal hena u il consolazioni tighi. Eccu... natich il

kima u riconoscenza ta dach li ghamilt mighi, ippermettili nintafa f'rigleich u imbusomloc, (*Jinxehet fl'art u ibusomlu*).

*P. Tonin* Hija x'sejjer katt tghamel? deh! kum min em! Alla oġbu jisma talbec. Iva haun tista tghamel passi ta g' ant fi-triek tal perfezioni; u timxi fit-triek tas-Seraficu Patriarca Missierna. Mur iva fein jeħdoch lis-Spiritu t'Alla, itħol fein joġboc dejjem izied il geuua f'dan l'aħrax (*jurieħ bidu*) u hemm tista tidhol f'estasi lactar ħelua u tuila. (*P. Indri jitħol il geuua u jitrecchen fil ghar*).

## IT-TIELET XENA.

P. TONIN

*P. Tonin* O art imbierca li inti tippossiedi tesor min din il fatta! Permezz tighu inti ghad icolloc granet ta ferħ u ta ħena. Il kdusia ta P. Indri ghat tcun mgharufa mad-digna collha. Alla hua tal ghageb mal kaddisin tighu! Hua joghġbu juri cburitu lil umili, u jaħkar lis-supperv, jaħbi il verità lil ghorrief tas-seculu, u iħabbara lil eruieħ li huma xein kuddiem il ghainein tad-dinja. Eccu dan hua bniedem li fid-dinja sata tant joghla imħabba fis-sinjurija u in-nobiltà ta razztu, hua tifel unicu ta famiglia illustri, ziu fortunat ta erba Papiet (1) u b'dan collu ma

(1) Innocenziu III u Ghirgor IX chienu proneputiet tal B. Andrea, u Alessandru IV u Bonifaciu VIII chienu neputiet, dan l'ahhar uiehed min-nahha t'ommu.

Fis-seclu XVIII (1721) giè mghamul Beatu, mil Papa Innocenziu XIII mir-razza tighu ucoll.

intefah xejn, id-disprezza il ghana in-nobiltà, id-dignità collha li jistghu jinghatau fid-digna. X'hoss hua dana. Min gej fuki? *(iħares lein it-triek li tati ghal Cunvent.)* Jecc nara tajjeb, dauna huma Brunu u Vitalianu.

IR-RABA XENA.

P. TONIN, BRUNU *u* VITALIANU.

*P. Tonin* Chif geitu haun! ghatcom haun! Uhudcom gejtu f'dan l'ahrax, f'daun it-torok tant uahxìa?

*Vital.* *(Jimsah il gharak)* Ma ahniex uhudna Jè P. Tonin! eccu gej urajna il mahbub tghana Bernard, Eh... eja! eja... ghaggel *(isejjahlu u jghamillu is-siniali b'ideih).*

*Brunu.* Ix-xeuka cbira li ghandi, u li actar ma jghaddi izzmien actar ticber, li narau il P. Indri, uasslitna sa haun; u jena ghalchemm xcheichen u ma niflahx, izda din it-telgha tirta bil ferha, biex infittex nasal.

IL HAMES XENA.

BERNARD *u l' ohrain.*

*Bernard.* U ma ux greu! kalghouli papasi...jahsbu li jena ghadni bhalom... bla nifs usalt haun!

*P. Tonin* Bil mod, striehu. Ma chif usaltu bil mixi, gejjin min Anagni!

*Bernard* Bil mixi! sigur li din ma tcunx izjed, *(ixxotta l'gharak)* huma forsi geu xi darba ohhra, imma jena katt. F'dan il pajjis f'Pigliu, halleina izzuiemel, huma ricbu xi ftit tukhom, ghaliex daun is-siniuri jafu jircbu tajjeb, izda jen ma

nafx, ghan-nitfa ma morc ghar-rasi xi trid tghamel P. Guardian? xiaħna (*jisghol*) daun it-tfal it-triek chiluha. Ma ghandniex x'nistghaġbu, ghaliex mita cont bħalom, ma contx inkas minnhom!

*P. Tonin* Benvenuti. X'gibcom dan l'ghodu f'dan il cunvent hech boghod?

*Bernard* Ghanna daun il carti, din l'ittra u x'naf jen tas-Sur Conti, u kalli ħafna biex nokghod attent ghalihom (*jicconsegnalu l'ittra*)

*P. Tonin* Tajjeb, ħalli naħsbilcom biex tieħdu xi ħagia, gejin min triek min din ix-xorta, ghaliex sgur li mejtin ghaliha (*ighamel innuċċali f'ghaineiħ, jiftaħ l'ittra u mistghageb*) O cbir Alla! Ma chif!... possibli li il currier mar dritt Ruma, Santa pacezia... chif nibda naghmel... (*imur*)

*Vit. u Bru.* (*ikumu*) Nokoghdu nistenneuħ haun.

*Bernard* Ismaghni maħbub tighi Vitalianu, din id-darba ghamilta ħoxna. Ma ngheiċ ghaliha...... imma ħares x'gharak ghandu dac l'imseichen! (*juri il Brunu*) Bdeid tghati chem tiflaħ, uha jigri uaraich, contu doncom zeuġ cervi tiġru titilghu mal muntagna. Jena ma klaiċ ghaineijha min fukcchom, u cont nitchexchex naracom, u bdeid nara nistax nilħakcom: imma spiċċau riġleija ghal collox, cont xi darba......imma niżżiħair l'Alla, usalt bħalcom. — Imma b'dic l'ittra ecc urgenti x'ried igheid is-Sur Conti?

*Vitalianu* Taiba din! x'nibda ngheidlec, forsi jen naf actar minnec? Biss nista ngheidlec li il Guardian mita kraha baka mibluħ.

*Bernard* Jena ma nafx!......jen ma nafx, ghax......

*Vit.* u *Bru.* Mela gheidilna xi haġa ?

*Bernard* X'nibda ngheidilcom ? Intom tcunu tafu!......

## IS-SITT XENA.

Fra Frangisc *igib ix-xorb, u lis-stess nies.*

*Fr. Frang.* Ghaun jen, hbieb ta kalbi. Hudu kattra taiba ghal gharak. (*iġghalom jixorbu*)

*Collha* Grazie Fra, grazie hafna.

*Fr. Frang.* Chem intom ghaijenin jahasra!—X'ahbar taiba gibtulna xein ?

*Vitalianu* P. Andrè fein hua, ghadna ma rainieh xein ?

*Fr. Frang.* Jinsab mohbi f'dac il ghar. (*jurihom il grotta*) Ah ! chicu contu tafu, uliedi, bil penitenzi horox tighu, is-saum ta cull jum u actarx hobs u ilma, id-dbiccir ta gismu, ghadaijar ta dinia jinżlu min gismu, uara id-dixiplini li jghamel, jorkod ftit u xein chem imid rasu fuk il kiha ta l'art: f'dic il grotta ġeuua il blat, jghamel l'orazioni, u jakra il cotba imkaddsa leil u nhar. Eccu gei! .... ..nituarbu ftit isa biex tarau hueijeġ cbar. (*jistahbeu uara is-siġar*)

## IS-SEBGHA XENA.

P. Indri' (*ftit bghod mill Grotta.*)

*P. Indrì* O Missier celesti, chem inti tal hniena mighi! B'liema cliem hua biżżeijed biex niżichair ghal daun il beneficci bla kies li ghamilt mighi! Jena l'infimu fost il bnedmin collha, u l'actar vili fost il midimbin!— Ifrah, o ruh tighi, ma Gesù Redentur tighac! O Gerusalem celesti,

iftaħli il buieb eterni tighac; u inthom o principijet Angeli tas-sema, uarbuli dauc il purtieri biex nista nara u nitaxxak b'uiċċ is-Sultan tacom. Ir-ruħ tighi tixtiek taraħ actar miċ-cerva mita tcun meijeta bil ghaċ, u tara l'ghain u ma tistax tixrob, int o Alla tighi, ghain ta ilma ħai ghar-ruħi. O Imħabba divina, ruħi hia mixghula ghalic *( itafa gharcubteiħ )* cabbar, tini dina l' imħabba......ruħi ma tiflaħx iżied......Chem seijer iddum ma niġi ingaudic u imbiercech ghal deijem!...... *(jarfa ideiħ lein is-sema)* Chem indum ma nigi miac fil hena ta deijem!...... *(jitħol fil grotta)*

## IT-TMIEM XENA.

*Fr* Frangisç, Vitalianu, Brunu *u* Bernard.

*Fra Frang.* *(iuakkaf lil Vitalianu)* Per carità, ibni fein seijer?

*Vitalianu* Tridni immur nilkghu, immur feinu, imbuslu riġleiħ?

*Brunu* *(miżmum min Bernard)* Hallini! ħallini Bernard! Triċ tħallini? Patri Indrì, dac il kaddis irrid naraħ.

*Vit.* u *Bru.* Iva hua kaddis, kaddis tasseu!

*Bernard* Jena mita nismaħħom iseiħulu kaddis nitghenna!......O tuaijeb u kaddis Patri Indrì, itlob ghal imseichen Bernard, li refech bosta drabi fuk dirghaiħ u min jaf chem ghankek u biesech.

*Fr. Frang.* Tfal taiba, okoghdu quieti, ma niddisturbaux ruħ kaddisa, li kieda titħaddet ma Alla taħħa, ghaliex ecc incunu noffendu l'umiltà tighu!

## ID-DISGHA XENA.

*Mons.* Giusepp, Stifnu *Patri* Tonin *u lis-stess.*

*(Seguitu ta paggi li iġibu il capell cardinaliziu. Jinstama idokk l' armonium. Hleuua ta vuci geija min geuua:* Viva, viva il ġdid Cardinal! Evviva deijem. *Bernard, Fra Frangisc, Vitalianu u Brunu mistghagbin iħarsu l'ghaun u l'inn.)*

*Lis-stess vuci:* Sia gloria al Padre Andrae, al nuovo Cardinale di Santa Romana Chiesa! Evviva! Evviva! *Il cant u id-dakk jistalla culħatt jitħol fix-xena)*

*Mr. Gius.* *(idauuar uiċċu lein P. Tonin)* Ma feinu moħħbi P. Indrì?

*P. Tonin* Araħ emm, Monsignur. *(juriħ)* Dac hua l'ghartighu, l'ghamara prediletta tighu.—Patri Indrì ħia maħbub ersak l'ghaun u ismghani.

*P. Indrì* *(ideiħ marbuta, rasu imbaxxia, jersak bil mod il mod u bl'umiltà collha)* Min giè jaħasra itellifni din il paci u il hena li aun kied ingaudi ghal grazzia t'Alla l'imbierec?

*Mr. Gius.* Il Papa Bonifaciu VIII ziu maħbub tighac irid jghollic fl'ghola dinjtà tal Cnisia Jixtiek li iddaul ta kdusitec ma jibkax iżied moħbi taħd l'art, imma Lħala daul risplendenti jigi imkied fuk l'ghola muntanja tal Cnisia. Din il ħaġa il Papa irid jghamilha m'ux imħabba in-nobiltà ta razztec, iżda imħabba il kdusia u il virtù tighec U ghalec ghoġbu joffrilec u jippresentalec f'dan lis-stess loc miserabili tiac ittra apostolica u il

cappell cardinaliziu. Eccu, accettahom di grazia. *(jeħu mil bacir il cappell cardinaliziu u l'ittra apostolica u ineuuilhom lil P. Indrì)*

P. Indrì *(uaħdu)* O gran Alla maħbub tighi, f'liema tigrif inti mil ġdid kghettni! Ghaliha dan l'unur li in-Neputi tighi irid jatini ma· ux ferħ u hena, imma hu dueijak u duluri cbar. *(iħares lein Mr. Giusepp)* Monsinjur, jen m'iniex denn ta lebda unur, ghalec mil ġdid nirringrazzia ħafna lil Papa min din id-dinnjtà li offrieli; nitolboc tgheidlu, li jena ma irrid xein, u li nitolbu bil ħniena iħallini immut fil hena ta kalbi, f'dan il ghar miseraħili bil libsa ta povru patri conventual. U ghaliex jaħasra irrid joħroġni min din il ghirna għażiża, li fiha daħħalni Alla stess? Unuri, dignità, cburia x'inhuma katt? Berak li ileħħ u jispiċċa, biex jghamxu l'imseichen bniedem. *(iħares lein il P. Guardian)* O Patri Guardian ghakli tighi, ghein chelma int ucoll, nitolboc, u ghamel li jena nibka f'dan il ghar, sabiex ruħi tispira fil hena ta deijem.

P. Tonin *(risolut)* Nir-rispettau il volontà ta Patri Indrì, ghaliex din hia il volontà t'Alla!

P. Indrì *(jinxteħet arcubteiħ)* Nirringraziach, o Sinjur, mil fond ta kalbi, li fl'aħħar irbaħt!

# IR-RABA ATT

*(Lis-stess xenariu tat-tielet Att)*

## L'EUUEL XENA.

VITALIANU *u* BRUNU *fein il ghar.*

*Vitalianu* Eija ħia, issa hua il uakt li narau din il grotta ta Patri Indrì. Eija, issa seuua aħna uħudna!

*Brunu* Trić ngheidlec is-seuua ħi, chem chem ma nituaħħax nitħol f'dac il ghar icraħ u mudlam! Ah, nitchexchex!

*Vitalianu* Isthi hi, inti taparsi tant tħob lil P. Indrì, u ma issemmix ħlief ismu, tgheid li trid tokghod deijem ma duaru, u imbghad......

*Brunu* Iva, collu veru, gharani gei.

*Vital.* Ara? haun jorkot P. Indri.

*Brunu* Santo Iddio! Chîf jghamel biex jitħol f'dan il-loc ecc baxx, hua li hu tant tuil? Hares hia *(iħarsu)* dan il gebel collu hua imxarrab b'demmu.

*Vital.* Dan ma kalulniex l'aic, li P. Indri jitbiccer u jinħakar bil flagelli; u min gismu jinslu ghadajjar ta dmìa, u li f'dan il ghar jokghod gharcupteih, jeu imejjel rasu ma l'art?

## IT-TIENI XENA.

FRA FRANGISC *u l'oħrain.*

*Fra Frang.* U chif chelcom il ħila tiġu f'dan il-loc imkaddes? chif geitu haun uhutcom?

*Vital.* Bil mod Fra, tisħonx. Aħna billi nafu li P. Indri ma jonkos mill'ufficciu, imur igheidu mar-Religiusî l'oħra, ghedna dach icun il ħin, li nistghu inzuru il ghar tighu.

*Fra Frang.* Alla jahfrilchom! Isimghouni, Taurauh dan l'aħrax? Tajjeb: mita collox icun fis-schiet u rieket id-demoniu ikabbat collox, jinstama tuerzik fl'aria, ghajat li iuaħħax, ir-riħ ivenven u ibazza is-sigar ghalchem gholia u kauuìa imiddom ma l'art. *(Brunu index ma Vitalianu)* hia ta kalbi daun collha tentazionijet ta l'ghafrid biex ibazza lil P. Indri u ma iħallieħx jghamel orazioni. Emm *(juriha)* dich il kattara, li minna icċarċar ftit ta l'ilma min dich il muntania, emm P. Indri ikighed il kannata biex jigbor cotx ilma biex itaffi xi ftit il ghacc tighu. U id-demoniu araħ, imur igarrafilu u jghamilielu tlief. P. Indri xein ma jicconfondi, jarġa igiba bħal kabel, u ara *(jurieh)* b'dac is-sinial tas-salib li ghamel fil blat, iħarrbu id-disprat, u javvilieħ, ghax jara li ghasak fl'ilma. Kighet inħoss xi ħatt gej, ejjeu nistaħbeu *(jistaħbeu uara is-siġar.)*

## IT-TIELET XENA.

P. Indri *gej mil cunvent ghal ghar tighu*

*P. Indri* O ruħ tighi, ħoll ilsienech, u canta innu ta ringraziament lil Alla li jista collox, li mighac ogbu juri il ħniena colla tighu. O xemx itfa ir-raggi imdehba tighech, sabiex mighi icantau il lodi l'Alla, kuddiemu jitħarrcu il ix-xmajjar, u il muntanji jitħenneu. Ilma pur u safi jghatu gloria l'Alla bil ħass ħelu taħħom, intom o zbieħ u diversi ghasafar faħħru l'isem imkaddes tighu bit-tisfir ħelu u rari tghacom. *(iħares lein is-*

*salib)* O Salib imkaddes, inti uaħdec l'eredità tighi, uaħdec is-seħem tighi collu! O Vergni Maria, ilka dan it-tifħir *(juriħa il ctieb)* li il povru ibnec Indri, jatic f'dan il ctieb li fieħ jitħaddet fuk il ħlas divin tighac.

## IR-RABA XENA.

FRA FRANGISC, PAGG *u l'istess.*

*Fra Frang.* *(jimxi lein il ghar)* Ejja *(igheid lil pagg)* Ejja tibza xejn. Dan hua dach il pagg *(igheid lil P. Indri)* li gib ir-rigal tal ħut, u imkarrak middemoniu ħeba xi ftit minnhom ħemm fit-tarf tal muntagna, u mita mar sabom sriep lefghat. Issa id-dispiacieħ milli ghamel giè jitolboc maħfra *(il pagg jintafa gharcupteiħ).*

*P. Indri* Alla jaħfirlech ibni, dac is-serp li sibt min floch il ħuta, li tant bezzech ghaliex tasseu chien iuaħħax, juric id-dnub tighech: ghalecc kis li tghokod attent min issa il kuddiem ghal impieg tighec. Issa kum min emm; u irrid li tieħu rigal iħor lin-neputi lil Papa, biex impattilu tar-rigal li bghatilna. Ara *(juriħ)* dich is-sigra tat-tin, emm fil fond, ghalchemm jannar, mischina tatna il frott, mur ghazel mil lisbaħ li fiha u hudom rigal lil Papa *(P. Indri jitħol fil grotta)*

*Fra Frang.* *(lil pagg)* Mur obdi, taħsibx li sejjer mas-sibx frott, billi aħna fl'aħrax u l'akkal ta jannar, u collox micsi bis-silġ. Jista icun li P. Indri ma jghamilx li irid?!

## IL HAMES XENA.

Mr. Giusepp, P. Tonin, Vitalianu *u* Brunu *u il* Pagg.

*Gius:* Compli, compli, Sur Patri gheidinna xi ħaġa mil ħajja amirabili tighu.

*P. Tonin* Culfein nitfou ghajneina, cullimchien insibu l'ghegiubiet tal virtù u tal miraculi ta P. Indri. Fil uakt li chien jipprietca lil poplu f'dan il pajis li ghandna taħtna, inxteħet gharcuptejħ, u ħalla fuk dich il gebla samma is-siniali tar-rcuptejħ. Tistghou tmorru tarau. U mita finzul ix-xemx chien kighed jitlob ghar-ruħ ta Carlu I Sultan ta Skallia, li chien jinsab ibati fil Purgatoriu, raħ bit-talb tighu tilgha is-sema sabieħ u jiddi bħax-xemx. U chif nista nghoddilcom in-numru bla kies ta indemoniati, u invasati li min cul pajis jiġu, u hua iħarrabomlom bl'Isem t'Alla? Fuk dan ismu hua tal ghageb. Oh ja-ħasra x'biza u x'ghafsa ta kalb igibulech dauch l'invasati, mita tarahom jitchauġu bhas-sriep, min ħalkom ħirġa rghaua, jghaitu iuerzku, jid-ghou dagha ta l'infern......

*Vital. u Brunu* Mamma tighi! Mamma tighi!

*Gius:* Oh! tasseu li kal seuua il Papa, mita semghani ngheid li P. Indri, mairic, isir Cardinal bl'ebda mod. Dach hua kaddis, u jecc nibka ħaj urajħ, jena stess inkeghdu fuk l'artali!

## IS-SITT XENA.

*Gejjin min-naħħa tal Grotta.*

Bernard *mal* Pagg *bil koffa fidejħ u l'oħrain.*

*Bernard.* Mr. Giuseppi, Sur Conti; arau x'rigal P. Indri, bghad lil Papa neputi tighu: koffa tin frisch,

Arau x'inhuma sbieħ! (*culħatt jersak jara*) Dan frott barra min zmienu!

*P. Tonin* Cari miei, daun huma miraculi cbar li Alla għoġbu jgħamel biex igħolli il kdusia ta P. Indri.

*Bernard* Għalchemm xieħ, chemm chemm ma ux jittantani li nicol uaħda! Santa pazienza!

*Vital. u Brunu* Tasseu chemm huma sbieħ!

*Vital.* Jecc naf imnein, immur nakta xierba daluakt!

## IS-SEBGHA XENA.

FRA FRANGISC *ma religius iħor imur ma duar il Grotta. L'oħrain jokogħdu in-naħħa l'oħra jitħattu bil mod uħudom, mistgħaġba.*

*Fra Frang.* (*iħares lein P. Indri, li kighed arcupteiħ ġol Grotta*) O cielo! x'sfuria kighed nilmaħ fuk uiccech? chemm għandech nifs kasir?

*P. Indri* Isma, Alla sama talbi, ma idumx ma isejjaħli mighu fil Genna. Il P. Guardian fein hu?...

*Fra Frang.* Sejjer insejjaħlu... Jaħasra x'telfa gejja fukna! (*jiġri imur kuddiem il Guardiau*) tinkatax, jaħasra, aħbar ħazina sejjer natich.

*P. Tonin* X'inkala? Għeid?

*Fra Frang.* P. Indri uasal fl'aħħar ta ħajtu sfuria tal meut għandu fuk uiccu, innifs nakas, chesaħ għal collox, ma bakalux ħajja izied hua stess kalli.

*Culħat flimchien*: O xaħbar chemm hia ħarxa!...

*FraFrang* Mita inti P. Guardian, għettli biex noħodlu xi ftit tal brodu, u l'aħam tat-tajr, hua raddilom is-salib u min ġol plat kamu b'deu jittajru ma

duaru, jifirħu, isaffru u taru mal bosch, iħabbru il kdusia tighu.

*Gius.* Xi kdusia! x'miracoli ta l'ghageb?

*P. Tonin* Allura, inti Fra, mur ħabbar. lil Communità, gheidilhom ilestu ghal Viaticu biex noħduħ bis-sollennennità colla gnand P. Indri. Cos, stenna jena gej ucoll. (*Imorru ilcoll*).

*Stiefnu* Eccu fl'aħħar giè mitmum is-sacrificciu tighi! Ma nismax lè iżied il cliem ħelu tighu. O ibni kalbi, x'telfa cbira geija fuki issa f'xuħiti! U min seijer issa jicconsolani fl'erba tijem li ba-kali ngheix fid-dinnja? — Jena baħala missierec xtakt, iva, li icolli ix-xorti narac imżeijen bil porpora cardinalizia, iżda, ibni, inti bniedem kaddis ipprefereita ghat-teżor tas-sema. (*Inxte-ħet fuk is-siġġu jipki*)

*Giusepp* Sur Conti, jena naf li ghandec ragiun tipchi nirrispetta id-duluri tiac; ma jaħaħsra iddeijakx bil bichi tiac lil din ir-ruħ kaddisa f' daun l'aħħar sighat li seira tparti min din id-dinja tal miseria biex tittaijar fil ħdan tal Crea-tur taħha.

*Vitalianu* (*jersak fein il Conti*) Le, Patri Indrì ma imuċ! (*jistama id-dakk ta l'armonium u il cant* " O Salutaris Ostia! " *u ic-cencil tal kampiena*)

*Giusepp* Nixteħtu arcupteina u nitolbu aħna ucoll (*cul-ħatt arcupteiħ jaddu il Patrijet bit-torci biex ikarbnu lil Patri Indrì. Mita il Patrijt ma jidrux ictar Mons. Giusepp ikum*). Eijeu imor-ru aħna ucoll lein il grotta biex nassistu ghal ħin tal meut ta dana il cbir kaddis.

## L'AHHAR XENA.

*Jersku collha bis-schiet lein il grotta, u iħallu jider lil* P. INDRI' *mixħut fl'art fuk ftit tiben.*

*P. Indrì* O maħbub Superiur tighi, ħuti gheżież, eccu fl'aħħar Alla chellu ħniena minni u seijaħli ghal heua ta deijem......Is-Salib, is-Salib, iva ta Gesù icun deijem il ħsieb, il hena tacom...... Dan hua ir-ricordiu li Patri Indrì seijer iħallilcom kabel jispira *(jati ctieb lil P. Guardian)*...... Itolbu ghaliħ......O Maria maħbuba Omm tighi, *(jider daul li jllumina il grotta collha)* Chem inti sabiħa!......O Maria! Maria, jena lest...... nittaijar ghal ħdan tiac......O M-a-r-i-a. *(Id-daul igheib)*

*Giusepp* Cbir Alla! Chem hia ħelua il meut tal Kaddisin!

*Culħatt* Miet il Kaddis, miet il Kaddis!

*P. Tonin* Uliedi, deh! teghidux miet, gheidu li Andrea bedha ħajja ħenja u gloriusa ghal deijem. Fuku ghandu jipka mictub b'littri tad-deheb, tuieled f'nofs il ghana u is-sinjuria, ried isir fkaijar u umili ghal imħabba ta Gesù. Issa kighed fis-sema icanta u ithenna, biex ipatti ghal bichi li beka fid-dinja. Issa jittrionfa fil gloria, b'curuna li katt ma titbiel, ghaliex rebaħ bħala suldat kalbieni. *(Jtħol paġ bil porpora u il cappell cardinaliziu)*

*Giusepp* U din il porpora u dan il cappel li hua mita chien ħai gharaf iuarrab minnhu, issa emm bżonn li jghattu il gisem imkaddes tighu. *(joħo-*

*dom min idein il paġġ u jirpusahom fuk riġlein il meijet. Tinstama vuci ta cant tat-tfal)*

Vieni, deh vieni all' estasi
del sempiterno Amore!
vieni, bell' alma, allegrati
nel dolce tuo Signore:
le sante schiere angeliche
cantino gloria a te.

*
* *

Fittex eija all'estasi
ta l' imħabba ta deijem,
eija, o ruħ sabieħa u ifraħ
mal ħelu Gesù għal deijem,
l' Anġli tas-sema fl' imcħien
jgħatuc għal deijem is-sliem.

TMIEM.

---

*Bis-sensia tal Cnisia.*

---

[ PROPRIETA' LETTERARIA. ]

## JINSABU GHAL MIN IRID JIXTRI
### DAUN IL COTBA TA L' ISTESS AUTUR V. VELLA.

1. L'Omm tal Consolazioni jeu il Madonna tač-Cintura.
2. Hajja ta San Ludovicu, Re ta Franza, Protettur tat-Terziarij Francescani. — Ma fadalx.
3. Hajja ta Sant'Angelu martri Carmelitan. — ma fadalx.
4. Ir-Regula tat-Tieled Ordni Francescan, bl'Indul. ġodda.
5. Id-Dedica lil Kalb SSma. ta Gesù.
6. Id-devot tal Madonna tal Carmnu. — Ma fadalx.
7. Visiti lil Kalb SSma. ta Gesù fis-Sepulcru.
8. Hajja ta Nunziu Sulpriziu.
9. Il Missier tal fokra, S. Antnin ta Padova.
10. Bidu u tnissil ta l' Opra tal Hobż tal fokra.
11. Hajja ta l' Appostlu Sant' Andrea.
12. Il Kalb ta Gesù agonizzanti.
13. Hajja tal Ven. Soru Gianna Antida Thoret, Fondatrici tas-Sorijet tal Carità.
14. L' Avvocata ta l' impossibbli Santa Rita.
15. Il Secolo XX dedicato a Gesù Redentore.
16. Taghlim fuk l' Indulgenzi u il Giubleu.
17. Il Hamiema ta Norcia Santa Scolastica.
18. Il Labtu u il Curdun ta San Giusepp.
19. Ah Sant' Antnin, t' chellimli kuddiem Alla!
20. Il Medicina ghal ugieh tas-snin. Santa Appolonia.
21. San Paul.

---

### TUISSIA.

Fil Giornalett "In-Nisrani" ippublicaina il Haijet ta S. Giosafat; ta Sta. Cristina; ta S. Filemone; ta S. Odilone; ta Sta. Fede; il Cmandamenti t' Alla, u tal Cnisia imfissra bil fattijet. Tal Ven. Giovanni Duns Scotu; il Viạtcu. Jecc icolna incoraggiment, jigifieri, jecc insibu associạti, nerghu nippublicauhom ghalihom.

Il klieh li jibka imur ghal hobż tal fokra. S'issa kassamt hobż, hueijeġ ecc. fuk £ 90.

SAC. V. VELLA.

L' Imdina. — It-triek ta lis-Sptar.